

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1071

tat-18 ta' Mejju 2020

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-esklużjoni ta' titjiriet li jidħlu mill-Iżvizzera mill-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25a(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta dispożizzjonijiet li jeskludu t-titjiriet li jaslu minn pajjiż terz mill-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet (l-ETS tal-UE). Jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jipprovdu għal interazzjoni ottimali bejn l-ETS tal-UE u l-miżuri ta' pajjiż terz biex jitnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.
- (2) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom ⁽²⁾ (il-"Ftehim") ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. Il-Ftehim jipprevedi li t-titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fit-territorju tal-Iżvizzera lejn ajrudromi li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jiġu esklużi mill-ETS tal-UE.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata sabiex mill-ETS tal-UE teskludi t-titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fl-Iżvizzera lejn ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE. Sabiex tinżamm l-istabbiltà fir-rigward tal-kopertura tal-operaturi, jenħtieġ li dik l-esklużjoni ma taffettwax id-dispożizzjonijiet li jeskludu ċerti attivitajiet tal-avjazzjoni mill-ETS tal-UE abbażi ta' limiti speċifikati f'termini ta' għadd ta' titjiriet jew emissjonijiet għal kull operatur.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata skont dan.
- (5) Minħabba li l-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ japplika minn dik id-data.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tieni paragrafu tal-entrata "Avjazzjoni" tal-kolonna "Attivitajiet" tat-tabella tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi emendat kif ġej:

- (1) it-tieni paragrafu tal-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-titjiriet imsemmija fil-punt (l) jew imwettqin esklussivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, ta' Re jew Regina renjanti u l-familja immedjata tagħhom; Kapijiet ta' Stat, Kapijiet ta' Gvern u Ministri ta' Gvern, ta' Stat Membru ma jistgħux jiġu esklużi taħt dan il-punt;"

⁽¹⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

⁽²⁾ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

(2) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(k) mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2030, titjiriet li, ħlief għal dan il-punt jaqgħu fi ħdan din l-attività, imwettqa minn operatur tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jopera titjiriet b'emissjonijiet annwali totali ta' inqas minn 1 000 tonnellata fis-sena (inklużi emissjonijiet minn titjiriet imsemmija fil-punt (l));”;

(3) jiżdied il-punt (l) li ġej:

“(l) titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fl-Iżvizzera lejn ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Meju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
